MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 389/2000/2

**Nicia Borg f'isimha u bhala rapprezentanti legittimu ta' binha minuri Nigel**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; u b'digriet tat-28 ta' Gunju 2001 issejjah fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu effettivament appell, interpost mill-attrici fil-kwalita` taghha premessa, minn zewg sentenzi, u cioe`

appell mis-sentenza parzjali tat-28 ta' Gunju 2001[1] kif ukoll mis-sentenza finali tal-1 ta' Marzu 2002.

**2.** L-attrici proprio et nomine, fic-citazzjoni promotrici, ippremettiet illi hija xebba u l-omm naturali tal-minuri Nigel li twieled fit-8 ta' Ottubru 1999. Ghalhekk fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri, fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" gie indikat "unknown father". Gara, pero`, li b'att pubbliku fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami datat 19 ta' Ottubru 1999 Charles Sammut irrikonoxxa lil Nigel bhala ibnu naturali, u dan il-fatt gie debitament annotat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, fis-26 ta' Ottubru 1999, fil-margini tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri. In segwitu ghal din l-annotazzjoni, meta l-imsemmi Direttur rega' hareg estratt iehor tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri (Dok. "B" anness mac-citazzjoni) huwa indika, fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" is-segwenti – "Charles Sammut (Pieta`, Malta)". L-attrici bazikament qed tikkontendi li galadarba l-Artikolu 289(1)[2] tal-Kodici Civili jitkellem biss dwar "annotazzjoni fil-margini tar-registru", il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ma setax jindika fil-kolonna relattiva isem Charles Sammut u l-konnotati tieghu. Skond l-attrici tali "korrezzjoni" kellha ssir biss wara decizjoni tal-Qorti kompetenti konformement ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 253[3] tal-imsemmi Kodici Civili. Ic-citazzjoni tkompli hekk: *"Peress illi ghaldaqstant jirrizulta bl-aktar mod car illi gew effettwati alterazzjonijiet direttament mill-konvenut b'mod ghal kollox abbuziv u li jmur oltre l-poteri konferiti mill-ligi lill-istess konvenut; Peress illi l-Artikoli relattivi tal-Kodici Civili*

---

[1] Fl-ismijiet ***Nicia Borg f'isimha u bhala rapprezentanti legittimu ta' binha minuri Nigel v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** – u dan peress li sa dak l-istadju kien ghadu ma giex kjamat fil-kawza l-Avukat Generali.

[2] Art. 289(1): *"Jekk, wara li att ta' twelid ta' tarbija* illegittima [mnissla u mwielda barra miz-zwieg – Att XVIII.2004.40] *ikun gie rregistrat minghajr tismija ta' isem il-missier, il-paternita` ta' din it-tarbija tigi stabbilita b'sentenza tal-qorti, jew, bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 280, it-tarbija tigi maghrufa minn missierha b'att pubbliku, l-isem tal-missier legittimu jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, jigi mnizzel b'annotazzjoni fil-margini tar-registru."*

[3] Art. 253(1): *"Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjoni jew thassir ta' registrazzjoni jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens ta' wiehed mill-Vizitaturi ta' l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jircievi."* Art. 253(4): *"Kull talba ghandha ssir fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew, skond il-kaz, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)* [fil-qorti kompetenti – Att IX.2004.14] *b'citazzjoni kontra d-Direttur."*

*jirrizervaw illi jinghataw illi jinghataw* (sic!) *disposizzjonijiet ghal tali alterazzjonijiet, bhal dawk effetwati mill-konvenut f'dan il-kaz, unikament u esklussivament favur dina l-Onorabbli Qorti jew l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, skond il-kaz; Peress illi tali stat ta' fatt illegali huwa tali illi jikkawza immedjatament pregudizzju gravi u serju in linea primarja lill-minuri Nigel u kif ukoll lill-istess attrici u jinhtieg li jigi rettifikat immedjatament u minghajr ebda dewmien ta' ebda tip, in kwantu c-certezza ta' l-istat civili huwa mhux biss dritt fondamentali, izda wkoll necessita` assoluta ta' kull persuna; Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: (1) tordna lill-konvenut sabiex jiehu dawk il-passi kollha mehtiega sabiex jsir reintegrazzjoni fl-Att tat-Twelid numru 3431/1999 tal-Minuri Nigel Borg, bid-dettalji kollha originarjament murija u indikati fl-istess Att tat-Twelid b'mod illi taht il-kolonna* Isem u Kunjom ta' Missier it-Tarbija *jigu reintegrati l-kliem* Missier mhux maghruf *bl-assenza konsegwenzjali ta' kull dettal iehor; (2) tordna lill-istess konvenut li jirriforma l-annotazzjonijiet maghmula minnu fis-26 ta' Ottubru 1999 billi taht tali annotazzjonijiet inizzel biss l-isem tal-missier illigittimu allegat skond kif provdut fl-Artikolu 289(1) tal-Kodici Civili."*

**3.** Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku oppona dawn it-talbiet b'diversi eccezzjonijiet. Huwa fisser kif bl-Artikolu 92(1) tal-Kap 16 tarbija illegittima, jew, kif inhi maghrufa llum, tarbija mnissla u mwielda barra miz-zwieg, illi tigi rikonoxxuta minn missierha tassumi l-kunjom tal-missier. Skond l-imsemmi Direttur, il-fatt li fl-annotazzjoni fil-margini jkun hemm id-dettalji personali ta' Charles Sammut – cioe` iben min hu, fejn twieled u fejn hu residenti l-istess Sammut – isir biss ghal skopijiet ta' certezza u identifikazzjoni tal-persuna tal-missier naturali u b'ebda mod dawn id-dettalji ma huma bi ksur tal-Artikolu 289(1) tal-Kodici Civili. Huwa eccepixxa wkoll li skond l-Artikolu 251(2) tal-Kodici Civili estratt tal-Att tat-Twelid irid jinkorpora fih *"il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha mnizzlin fil-margini tar-registri"* hlief ghall-annotazzjonijiet dwar addozzjonijiet, u li ghalhekk huwa hekk ghamel u fl-

estratt nizzel isem Charles Sammut bhala missier it-tarbija ghax altrimenti l-estratt ma jkunx jirrifletti l-original.

**Is-sentenzi appellati**

**4.** Peress illi fil-kors tal-proceduri quddiem il-Prim Awla, l-attrici, f'zewg noti ta' osservazzjonijiet identici (hlief ghall-ewwel erba' linji tat-tieni wahda) presentati fis-17 ta' Mejju 2000 u fil-21 ta' Marzu 2001 ghamlet referenza u accennat ghall-possibilita` ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha u tal-minuri kif imharsa bl-Artikolu 8[4] tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ewwel Qorti, korrettement, l-ewwel ippronunzjat sentenza parzjali fit-28 ta' Gunju 2001 li permezz taghha ezaminat il-kwistjoni mill-aspett purament civili u, wara li ordnat il-kjamata fil-kawza ta' l-Avukat Generali, iddifferiet il-kawza ghat-tieni u finali sentenza, li effettivament inghatat fl-1 ta' Marzu 2002.

**5.** Ikun opportun f'dana l-istadju – u dan anke minhabba l-mod kif inhu formulat ir-rikors ta' appell, kif ser naraw aktar tard – li jigu riprodotti l-partijiet sostanzjali kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni sentenza. Fl-ewwel sentenza (tat-28 ta' Gunju 2001), il-Prim Awla esprimiet ruhha hekk:

"Ic-citazzjoni tghid illi l-attrici, li hija xebba, hija omm Nigel, li twieled fit-8 t'Ottubru 1999. L-att tat-twelid ta' Nigel, li jgib in-numru 3431/1999, kien ighid illi l-missier ma hux maghruf. Fid-19 t'Ottubru 1999, izda, certu Charles Sammut deher fuq att unilaterali pubblikat min-Nutar Sandro Schembri Adami u gharaf li hu missier Nigel. Wara, fis-26 t'Ottubru 1999, il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghamel zewg annotazzjonijiet fuq l-att ta' twelid. L-ewwel annotazzjoni taghmel bdil fit-taghrif dwar il-missier, u taghti t-taghrif dwar l-imsemmi Charles

---

[4] Art. 8(1): *"Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu."* Art. 8(2): *"Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."*

Sammut billi turi ismu, kunjomu, x'jaghmel, fejn twieled, fejn joqghod, u isem u kunjom missieru.

L-art. 289(1) tal-Kodici Civili jghid hekk:

**289.** (1) Jekk, wara li att ta' twelid ta' tarbija illegittima jkun gie rregistrat minghajr tismija ta' isem il-missier, il-paternità ta' din it-tarbija tigi stabbilita b'sentenza tal-qorti jew, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 280, it-tarbija tigi maghrufa minn missierha b'att pubbliku, l-isem tal-missier illegittimu jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, jigi mnizzel b'annotazzjoni fil-margini tar-registru.

L-annotazzjoni maghmula mill-konvenut taghti hafna izjed taghrif minn hekk, u l-konvenut mhux biss naqas milli jaghmel biss annotazzjoni ta' l-isem ta' dak li jghid li hu l-missier naturali, izda ghamel tibdil shih fit-taghrif dwar Nigel, b'mod li l-att ta' twelid, flok juri li iben l-attrici huwa iben missier mhux maghruf, issa qieghed juri li huwa iben Charles Sammut, imwieled il-Pietà.

L-art. 253 tal-Kodici Civili jghid illi talba ghall-korrezzjoni ta' att ta' l-istat civili "ghandha ssir fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, jew, skond il-kaz, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b'citazzjoni kontra d-Direttur", bil-modalitajiet li jrid l-istess artikolu. Ghalhekk, tkompli tghid ic-citazzjoni, meta ghamel it-tibdiliet fl-att tat-twelid ta' Nigel, il-konvenut naqas milli jimxi kif trid il-ligi.

Billi dan kollu qed jaghmlilhom hsara, u jinhtieg li jinghata rimedju minnufih, ghax ic-certezza fl-istat civili mhux biss hija dritt fondamentali izda wkoll necessità assoluta ta' kull persuna, l-atturi fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi l-qorti:

1. tordna lill-konvenut jaghmel dak li hu mehtieg sabiex' l-att ta' twelid numru 3431/1999 jerga' juri t-taghrif li kien juri fil-bidu, b'mod li fil-kolonna ghal "isem u kunjom ta' missier it-tarbija" jerga' jidhol il-kliem "missier mhux maghruf", u xejn aktar; u
2. tordna lill-konvenut jibdel l-annotazzjonijiet maghmula fis-26 t'Ottubru 1999 billi dawn isiru juru biss l-isem ta' dak li jghid li hu l-missier naturali, kif irid l-art. 289(1) tal-Kodici Civili.

Qeghdin jitolbu wkoll l-ispejjez.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

1. l-att ta' twelid 3431/1999 inhareg fil-bidu bla ma juri isem il-missier u wara zdiedet fuqu l-annotazzjoni

mehtiega kif trid il-ligi u ghar-ragunijiet moghtija fl-eccezzjonijiet li gejjin;
2. l-art. 92(1) tal-Kodici Civili irid li tarbija illegittima li tkun maghrufa minn missierha ghandha tiehu kunjom il-missier, u kien ghalhekk li saret l-ewwel annotazzjoni fis-26 t’Ottubru 1999;
3. it-taghrif personali dwar Charles Sammut muri fit-tieni annotazzjoni tnizzel ghal ghanijiet ta’ certezza u biex tkun maghruf sew il-missier naturali, u ma hux bi ksur ta’ l-art. 289(1) tal-Kodici Civili; din hija *policy* amministrattiva li l-konvenut dejjem jimxi fuqha f’kazijiet bhal dawn;
4. l-estratt mill-att ta’ twelid esebit fil-process[5] inhareg fuq il-formola skond l-art. 251 tal-Kodici Civili li, fis-subartikolu (2), irid illi “l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mnizzlin fil-margini tar-registri ghandhom ikunu inkorporati fl-estratt”;
5. ghalhekk kull ma ghamel il-konvenut meta hareg l-estratt ta’ l-att tat-twelid kien li inkorpora l-annotazzjoni dwar Charles Sammut kif trid il-ligi, u mhux li bidel ghal kollox it-taghrif dwar Nigel, kif tghid ic-citazzjoni; dan ghamlu ghax estratt huwa “kopja fil-qosor ta’ l-att registrat”, kif ighid l-art. 251(2) tal-Kodici Civili, u ghalhekk li kieku l-isem ta’ Charles Sammut ma ddahhalx fl-att bhala isem il-missier, l-estratt ma kienx jirrifletti l-annotazzjoni li kienet registrata fl-att originali;
6. ma nbidel ebda taghrif dwar it-tifel minuri ghax fuq l-estratt jidher li Charles Sammut huwa missier illegittimu billi fit-taghrif dwar l-omm huwa muri li din hija xebba (*single*);
7. ma hux minnu li, kif ighidu l-atturi, f’kazijiet bhal dan kellhom jinbdew proceduri b’citazzjoni quddiem il-qrati civili, ghax il-procedura tajba hija dik li mexa biha l-konvenut taht l-art. 289(1) tal-Kodici Civili, li jrid li jsiru annotazzjonijiet ta’ taghrif dwar il-missier f’att ta’ twelid f’zewg kazijiet: (i) meta tkun sentenza ta’ qorti li tghid min hu l-missier, u (ii) meta l-missier innifsu jaghraf il-wild fuq att pubbliku;
8. billi hija l-ligi stess li taghraf stqarrija ta’ paternità jew b’sentenza jew b’att pubbliku, ladarba fil-kaz tallum hemm gharfien b’att pubbliku ma kienx hemm htiega li tinghata

---

[5] Dok. B, *fol.* 7.

wkoll sentenza, u ghalhekk kaz bhal dak tallum ma jaqax fil-kategorija ta’ dawk li l-art. 253 tal-Kodici Civili jrid li dwarhom jinbdew proceduri fil-qorti;

9. il-qorti ghandha tichad l-ewwel talba billi l-att originali tat-twelid ghadu juri l-kliem “missier mhux maghruf” fil-kolonna tat-taghrif dwar il-missier, u ghalhekk ma hemm erba’ htiega li l-att jerga’ jsir kif kien fil-bidu;

10. it-tieni talba wkoll ghandha tigi michuda billi l-konvenut ma mexiex bi ksur tal-ligi u l-procedura li mexa biha l-konvenut hi mahsuba biex ma tinholoq ebda konfuzjoni — li tkun ta’ hsara ghall-minuri — dwar min hu l-missier; meta *policy* amministrattiva ma tahsibx ghaliha espressament il-ligi ma jfissirx bilfors li dik il-*policy* hija kontra l-ligi;

11. fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz ghandu jissejjah fil-kawza Charles Sammut — din l-eccezzjoni kienet michuda b’sentenza *in parte* moghtija fil-15 ta’ Dicembru 2000[6];

12. il-konvenut ma ghandux ibati spejjez.

Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk:

Fit-8 t’Ottubru 1999 l-attrici Nicia Borg, welldet tarbija li nghatalha l-isem ta’ Nigel. Billi l-omm hija xebba, fl-att ta’ twelid tnizzel li l-missier ma hux maghruf. Fid-19 t’Ottubru 1999 Charles Sammut deher fuq att unilaterali quddiem in-Nutar Sandro Schembri Adami u gharaf li hu l-missier tat-tarbija. Il-konvenut ghalhekk ghamel annotazzjoni fuq il-margini ta’ l-att biex juri li Charles Sammut b’att pubbliku gharaf li hu l-missier tat-tarbija, u biex jaghti t-taghrif dwar l-identità ta’ Charles Sammut billi juri ismu, kunjomu, x’jaghmel, fejn twieled, fejn joqghod, u isem u kunjom missieru. Meta mbaghad hareg estratt mill-att wara li saru l-annotazzjonijiet, il-konvenut dahhal it-taghrif il-gdid bhala parti mill-att u mhux biss bhala annotazzjoni fuq il-margini. L-atturi qeghdin jilmentaw kemm ghax inbidel it-taghrif muri fuq l-att ta’ twelid kif ukoll ghax qeghdin ighidu illi nghata aktar taghrif minn kemm trid il-ligi.

Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk jistghux isiru tibdiliet f’att ta’ twelid fuq inizjattiva ta’ wahda biss mill-persuni li ghandhom interess, specifikament, fil-kaz tallum, jekk jistax jinbidel it-taghrif dwar missier ta’ tarbija illegittima

6 *Foll.* 38 *et seqq.*

fuq talba ta’ dak li jghid li hu l-missier, u dan minghajr htiega ta’ proceduri quddiem qorti.

Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jghoddu ghall-kaz tallum jinsabu f’dawn l-artikoli tal-Kodici Civili:

**99.** L-att li bih jigi maghruf tifel jista’ jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.

**251.** (2) F’dan it-Titolu l-kelma "estratt" tfisser certifikat li jkollu kopja fil-qosor ta’ att [ta’ l-istat civili]. Il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mnizzlin fil-margini tar-registri ghandhom ikunu nkorporati fl-estratt barra minn annotazzjonijiet dwar adozzjonijiet li ghandhom jigu traskritti fid-dahar ta’ l-estratt.

**253.** (1) Kull persuna tista’ taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta’ registrazzjoni, jew ghar-registrazzjoni ta’ att illi d-Direttur, bil-kunsens ta’ wiehed mill-Vizitaturi ta’ l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jircievi.

(4) Kull talba ghandha ssir fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, jew, skond il-kaz, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b’citazzjoni kontra d-Direttur

**289.** (1) Jekk, wara li att ta’ twelid ta’ tarbija illegittima jkun gie rregistrat minghajr tismija ta’ isem il-missier, il-paternità ta’ din it-tarbija tigi stabbilita b’sentenza tal-qorti jew, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 280, it-tarbija tigi maghrufa minn missierha b’att pubbliku, l-isem tal-missier illegittimu jista’, fuq talba ta’ kull min ikollu interess, jigi mnizzel b’annotazzjoni fil-margini tar-registru.

Huwa wkoll relevanti l-art. 92(1) u (3):

**92.** (1) Tifel illegittimu, jekk ikun gie maghruf b’ibnu mill-missier, jiehu l-kunjom tal-missier, li mieghu jista’ jzid il-kunjom ta’ l-omm; diversament, jiehu l-kunjom ta’ l-omm.

(2) ... ... ...

(3) Ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu dikjarazzjoni ta’ paternità b’sentenza tal-qorti ghandu jkollha l-istess effett bhal taghrif.

Il-partijiet effettivament ma humiex qeghdin jaqblu dwar xi tfisser il-frazi “fuq talba ta’ kull min ikollu interess” fl-art. 289(1): l-atturi qeghdin ighidu li t-talba trid issir quddiem qorti ta’ kompetenza civili, waqt li l-konvenut qieghed ighid illi t-talba tista’ ssir lilu ghax gharfien ta’ paternità b’att pubbliku jiswa daqs sentenza ta’ dikjarazzjoni ta’ paternità sabiex tkun tista’ ssir l-annotazzjoni relativa fuq l-att.

Qari tad-dispozizzjonijiet tal-ligi civili migjuba fuq juri li l-interpretazzjoni tajba ta' dik il-ligi hija dik moghtija mill-konvenut. Jidher illi l-ligi civili taghti l-istess qawwa lill-gharfien tal-paternità mill-missier b'att pubbliku daqskemm taghti lil sentenza li biha ssir dikjarazzjoni ta' paternità mill-qorti. Dan jidher kemm mill-art. 99, li, meta ighid illi t-tifel u kull min ikollu interess jista' jattakka l-att pubbliku li bih ikun maghruf it-tifel, qieghed jaghraf illi l-att ta' gharfien jiswa, ghall-inqas *prima facie* sakemm ma jkunx imwaqqa', u ghalhekk jitfa' fuq min irid iwaqqa' l-att l-oneru li jiftah proceduri gudizzjarji, u jidher ukoll mill-artt. 289 u 92, li jaghtu l-istess qawwa lil att ta' gharfien unilaterali ta' paternità daqskemm jaghtu lil dikjarazzjoni gudizzjarja ta' paternità, kemm ghall-ghanijiet tar-registrazzjoni ta' l-annotamenti dwar il-paternità kif ukoll ghall-ghanijiet tal-ghazla tal-kunjom tat-tifel.

Jidher ghalhekk ill-l-konvenut mexa sew kif trid il-ligi civili meta ghamel l-annotazzjonijiet fuq l-att originali.

Il-qorti taqbel ukoll mal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, ghall-ghanijiet tat-tieni talba ta' l-atturi, li meta l-ligi trid li b'annotazzjoni fuq l-att jitnizzel l-"isem" ta' dak li jaghraf li hu l-missier, ma hemm xejn xi jzomm milli jinghata wkoll dak it-taghrif l-iehor li jservi ghal identifikazzjoni ahjar tal-persuna.

Tibqa' l-kwistjoni jekk dawn l-annotazzjonijiet fuq l-att originali ghandhomx jingiebu wkoll fuq estratt billi jitnizzlu fil-margini ta' l-estratt, jew ghandhomx jingiebu bhala taghrif taht il-kolonni relativi fl-estratt. Il-konvenut qed jistrieh fuq interpretazzjoni tal-kelma "inkorporati" fl-art. 251(2) li tfisser li t-taghrif moghti fl-annotazzjoni ghandu jsir parti mill-estratt innifsu. Dan effettivament ifisser illi t-taghrif muri fuq estratt mahrug wara li tkun saret annotazzjoni jkun differenti minn dak muri fuq estratt mahrug qabel ma tkun saret l-annotazzjoni, kif fil-fatt hemm differenza bejn iz-zewg estratti li kopji taghhom huma esebiti fil-process[7].

Billi effettivament il-ligi civili tidher li qieghda taghraf illi bis-sahha ta' att unilaterali ta' gharfien ta' paternità tinbidel il-filjazzjoni civili ta' wild illegittimu, jidher li din l-interpretazzjoni wkoll tal-konvenut hija tajba.

---

[7] *Fol.* 6 u *fol.* 7.

Madankollu, ghalkemm jidher li interpretazzjoni tal-ligi civili taghti ragun lill-konvenut, il-qorti hija tal-fehma, kif ukoll jidher li qeghdin jaqblu l-partijiet, illi din il-kawza ghandha wkoll implikazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali taht l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, u ghalhekk, bis-setgha moghtija lilha taht l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), din il-qorti ghandha wkoll tara jekk din l-interpretazzjoni hix bi ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-atturi mharsa taht dik il-ligi. Ghalhekk ma hux il-kaz li tinghata sentenza qabel ma jkunu mistharrga wkoll il-kwistjonijiet dwar drittijiet fondamentali taht l-art. 8 tal-konvenzjoni. Billi, izda, ghall-integrità ta' gudizzju dwar il-kompatibbiltà ta' dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili mad-dispozizzjonijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali, huwa mehtieg li l-Avukat Generali jkun parti f'dawn il-proceduri, il-qorti qieghda tordna, skond il-procedura mfissra mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza moghtija fis-16 t'April 1999 *in re* **Angelo Spiteri *versus* Kummissarju tal-Pulizija *et***, illi jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali sabiex tkun tista' tkompli miexja l-kawza.
Dwar l-ispejjez ta' dan l-episodju jkun hemm decizjoni fis-sentenza finali."

**6.** Fit-tieni, u finali, sentenza taghha (tal-1 ta' Marzu 2002), dik il-Qorti, imbaghad, iddisponiet mill-aspett "kostituzzjonali" billi qalet hekk:

"F'din il-kawza l-atturi, li huma omm u binha minorenni, qeghdin jitolbu li tithassar bidla li kienet saret fl-att ta' twelid ta' l-iben wara illi terza persuna b'att pubbliku gharfet illi hija l-missier naturali ta' l-iben. Il-premessi u t-talbiet ta' l-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma mfissra fis-sentenza li nghatat fit-28 ta' Gunju 2001. Il-qorti f'dik is-sentenza kienet sabet illi, taht id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili illi jghoddu ghall-kaz, it-talbiet ta' l-atturi ma setghux jintlaqghu. Billi, izda, l-qorti kienet tal-fehma illi din il-kawza ghandha wkoll implikazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali taht l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, u ghalhekk, bis-setgha moghtija lilha taht l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni

Ewropea (Kap. 319), kellha wkoll tara jekk din l-interpretazzjoni hix bi ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-atturi mharsa taht dik il-ligi, ordnat illi jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali sabiex is-sentenza finali tkun tista' tinghata fid-dawl tad-dispozizzjonijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali, specifikament l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem:

ARTIKOLU 8

(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Il-kwistjoni hi jekk il-ligi civili, meta thalli lil min ighid illi huwa l-missier ta' wild naturali jaghraf il-paternità b'att unilaterali — minghajr il-htiega ta' awtorizzazzjoni minn qorti — u hekk jiehu setghat u drittijiet dwar it-tarbija, tkunx qieghda b'hekk tippermetti indhil fir-relazzjoni ta' familja bejn l-omm u t-t-tarbija bi ksur ta' dak li jrid l-art. 8.

L-Avukat Genarali, fir-raba' eccezzjoni tieghu, ighid:

illi ma jista' qatt jitqies li kien hemm xi forma ta' *arbitrary interference* mill-istat fil-hajja privata ta' l-attrici, *stante* li f'kazijiet bhal dawn fejn persuna jirrikonoxxi lil ibnu permezz ta' att pubbliku, il-funzjoni ta' l-istat hija limitata biss ghar-registrazzjoni ta' l-istess att u ma tinkludix il-verifika tal-veracità *o meno* ta' l-istess att.

Huwa minnu illi l-ghan ewlieni ta' l-art. 8 huwa illi jhares lill-individwu minn indhil mill-awtoritajiet pubblici:

Its object is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities in his private or family life.[8]

L-istat, izda, ma ghandux biss l-obbligazzjoni negattiva jew passiva illi ma jindahalx fil-hajja privata; ghandu wkoll

---

8 *Belgian Linguistic Case*, A.6 (1968) pp. 24-25, 23 ta' Lulju 1968.

l-obbligazzjoni pozittiva illi jara illi l-ligijiet tieghu ma jippermettux dak l-indhil, ukoll minn persuni privati:

It does not merely compel the state to abstain from such interferences:  in addition to this primary negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an 'effective respect' for family life.[9]

L-Avukat Generali jghid ukoll, fit-tielet eccezzjoni tieghu:

Illi l-istat ghandu l-obbligu li jipprotegi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' kull cittadin, fosthom id-dritt fundamentali ta' missier li jirrikonoxxi lil ibnu, u d-dritt fundamentali ta' l-iben li jigi rikonoxxut minn missieru, u d-dispozizzjonijiet tal-ligi Maltija f'dan ir-rigward kollha jirrispekkjaw u jirrispettaw dawn id-drittijiet fundamentali.

Ma jistax ikun serjament kontestat il-jedd ta' missier naturali li jaghraf lil ibnu u l-jedd ta' l-iben naturali li jkun maghruf minn missieru;  ukoll jekk dak l-gharfien ikun indhil fil-hajja privata ta' l-omm u fir-relazzjonijiet taghha ma' binha, dak l-indhil ikun gustifikat ghax mehtieg ghall-harsien tal-jeddijiet ta' haddiehor.

Il-kontestazzjoni f'din il-kawza izda hija dwar il-mod kif isir l-gharfien:  flok ma jigri illi min ighid illi huwa l-missier ikollu jgib prova ta' hekk quddiem qorti biex din taghmel id-dikjarazjoni mehtiega, min ighid illi huwa l-missier jista', bla htiega li jgib ebda prova u b'att unilaterali, jaghraf minn jeddu lill-wild u hekk jitfa' fuq l-omm l-oneru illi tiftah kawza hi biex twaqqa' dak l-gharfien.

Il-ligi dan tippermettih, u jekk din il-procedura ta' gharfien unilaterali titqies illi hija indhil mhux gustifikat, il-fatt illi l-omm ikollha rimedju gudizzjarju biex twaqqa' l-gharfien ma jnehhix il-ksur tad-dritt fondamentali;  ghalhekk l-argumenti migjuba fil-hames eccezzjoni ta' l-Avukat Generali, illi "l-ligi Maltija ma tohloq ebda ostakolu lil ebda persuna … … … li tattakka tali rikonoxximent ta' paternità", u fis-sitt eccezzjoni, illi l-attrici ghandha rimedju taht il-ligi ordinarja, ma jkunux argumenti tajbin kontra l-argument ta' l-atturi, illi jghidu illi l-mezz legali ta' min irid jibdel l-i*status quo* ghandu jkun azzjoni gudizzjarja, mhux att unilaterali.

Fil-fatt huwa minnu illi l-ligi dwar l-gharfien tal-wild mill-missier naturali tohloq forma ta' "spoll" legalizzat ghax

[9] Marcks kontra l-Belgju, A.31 (1979) para 31, 13 ta' Gunju 1979.

tippermetti bdil fil-pussess ta’ stat civili b’att unilaterali ta’ terzi;  l-argument illi huwa fl-interess tal-wild illi jkollu missier huwa irrelevanti, ghax l-interess tal-wild huwa illi jkun maghruf bhala l-missier min tassew huwa l-missier, u mhux illi jkun maghruf xi hadd, hu min hu, bhala l-missier. Biex ikun maghruf tassew min huwa l-missier l-ahjar arbitru ma tkunx il-volontà unilaterali u arbitrarja ta’ min ighid illi huwa l-missier, izda tkun il-qorti, u ghandu jirrikorri lejn il-qorti min irid jibdel l-i*status quo* mhux min irid li jinzamm.
Madankollu, sewwa jghid l-Avukat Generali, fil-hames paragrafu tan-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tat-8 ta’ Frar 2002, illi:
L-Artikolu 8 tal-konvenzjoni jpoggi fuq l-istat l-obbligu li jirrispetta diversi interessi personali fosthom ir-rispett ghall-hajja privata u familjari.  Dan l-obbligu però jirrikjedi li l-istat irid jilhaq bilanc fir-rispett bejn id-drittijiet u privileggi ta’ kull cittadin u *cioè* bilanc bejn l-obbligu ta’ l-istat li jipprovdi drittijiet u privileggi ghal kull individwu u l-obbligu li jipprotegi persuni minn agir ta’ persuni privati ohrajn li jippruvaw jostakolaw it-tgawdija ta’ dawn id-drittijiet.
Il-kompitu tal-qorti ma hux li tara jekk taqbilx mal-ligi, jew jekk, li kieku kienet hi l-legislatur, kinitx tillegifera mod iehor;  il-kompitu tal-qorti hu li tara jekk il-ligi, kif inhi, tiksirx il-ligi oghla li thares id-drittijiet fundamentali.  Fil-fehma tal-qorti, ghalkemm il-“bilanc” imsemmi mill-Avukat Generali jxaqleb lejn min ighid illi huwa l-missier u kontra l-omm, madankollu dan l-apprezzament tal-legislatur ma jaqbizx il-limitu ta’ dak il-*margin of appreciation* imholli fid-diskrezzjoni tal-legislatur, partikolarment meta tqis illi, kif qal l-Avukat Generali fis-seba’ paragrafu tan-nota tieghu, gharfien ta’ paternità aktar igib mieghu obbligazzjonijiet u dmirijiet milli jeddijiet u setghat, u ghalhekk x’aktarx illi ftit ikunu dawk illi leggerment sejrin jaghrfu bhala taghhom wild haddiehor, u ghal dawk il-kazijiet eccezzjonali hemm rimedju bizzejjed.
Ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk moghtija fis-sentenza tat-28 ta’ Gunju 2002, il-qorti tichat it-talbiet maghmula mill-atturi.
L-ispejjez gudizzjarji ghandhom ihallsuhom l-atturi.”

## L-appell ta’ Nicia Borg

**7.** Permezz ta' rikors ippresentat quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Marzu 2003, Nicia Borg, dejjem f'isimha proprju u bhala legittima rappresentanti tal-minuri in kwistjoni, appellat minn dawn iz-zewg sentenzi. Ir-rikors ta' appell huwa riproduzzjoni, bi ftit tibdiliet kosmetici, taz-zewg noti ta' osservazzjonijiet aktar 'il fuq imsemmija f'din is-sentenza. Bazikament l-appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta rrespingiet it-talbiet taghha. Hija ghadha ssostni li l-effett kumulattiv tal-Artikoli 289(1) u l-Artikolu 253(4) tal-Kodici Civili hu li kwalsiasi referenza ghal Sammut ghandha tidher biss fl-annotazzjoni u li ghalhekk l-estratt ghandu jibqa' jindika lill-minuri bhala "missier mhux maghruf":

**"Illi annotazzjoni messha saret biss fil-margini tar-registru u zgur ma jmessha saret qatt fil-kolonna tal-bdil tal-isem u kunjom il-missier b'mod daqshekk radikali li l-kunjom tal-minuri Nigel nbidel minn Borg b'missier mhux maghruf ghal Sammut bin Charles Sammut u dan semplicement fuq dikjarazzjoni unilaterali min-naha ta' persuna liema dikjarazzjoni qatt ma giet ezaminata minn Awtorita` Gudizzjarja kif titlob il-ligi."**

**8.** Kwantu ghall-aspett ta' dritt fondamentali, jew ahjar ta' ksur ta' tali dritt, l-appellanti tilmenta li bl-agir tieghu l-imsemmi Direttur kiser l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hija bazikament tikkontendi li f'dan il-kaz *"sehh indhil arbitrarju min-naha tal-konvenut ghall-hajja privata kemm tal-attrici Nicia Borg kif ukoll tat-tarbija taghha Nigel Borg."* Tikkontendi li l-istat ghandu jiddetermina l-ligijiet tieghu b'tali mod li dawk l-individwi koncernati ghandhom ikollhom dritt li jghaddu hajja tal-familja normali. U tkompli tghid:

**"Illi minhabba f'hekk l-Istat ghandu d-dover li jara li l-ligijiet tal-pajjiz, anke jekk jistghu b'xi mod jigu interpretati b'mod li jista' jigi b'xi mod issanat l-agir tal-konvenut, jikkonformaw ma' dan ir-rekwizit li l-individwu jghaddi hajja tal-familja normali – haga li ma thallietx ssir fil-konfront tal-attrici u t-tarbija**

**taghha bhala rizultat tal-agir illegali u rresponsabbli tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**"Illi l-gurisprudenza Ewropea temfasizza hafna l-pre-eminenza tar-rabta familjari, galadarba din ir-rabta presunta bejn Charles Sammut u l-minuri Nigel ma gietx stabbilita bhal f'dan il-kaz (qed jigi ribadit li rabta ta' din ix-xorta ma tista' qatt tigi stabbilita semplicement fuq dikjarazzjoni unilaterali min-naha tal-istess Charles Sammut – liema dikjarazzjoni qed tigi michuda fl-aktar** [recte: bl-aktar] **qawwa min-naha tal-attrici, Nicia Borg), allura d-dritt tal-atturi ghall-hajja privata w ghall-hajja tal-familja ghandha tiehu precedenza sakemm jigi stabbilit b'mod inekwivoku u bl-aktar mod car <u>il-veracita` o meno</u> ta' dak li qed jallega Charles Sammut fid-dikjarazzjoni notarili tieghu."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**9.** Jibda biex jigi osservat li minkejja n-natura kostituzzjonali ta' l-appell odjern, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma' l-istess appell, u dan in forza tal-proviso ghall-Artikolu 34 tal-Kap. 12, liema proviso gie introdott bl-Artikolu 3 tal-Att IX tal-2004. Dan premess, din il-Qorti ikollha mill-bidu nett tistqarr li l-appellanti m'ghandiex ragun f'dana l-appell. L-appellanti ma hi b'ebda mod timpunja d-disposizzjoni tal-ligi li tghid li tifel illegittimu li jigi rikonoxxut minn missieru jassumi kunjom missieru (Art. 92(1), Kap. 16) – u dan bir-ragun ghax il-kunjom ta' persuna ma johrogx mill-Att tat-Twelid taghha. In fatti, imkien, la fic-certifikat is-shih (ara kopji a fol. 12 u 17 tal-process) u anqas fl-estratt ta' tali certifikat (ara kopji a fol. 6 u 7) ma hemm xi kolonna intestata "Kunjom it-tarbija" jew "Kunjom il-wild". Il-kunjom jitnissel mid-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili, fosthom l-imsemmi Artikolu 92(1) kif ukoll l-Artikolu 4(3). Hija semplicement qed tippretendi li fl-<u>estratt</u> tac-certifikat, fil-kolonna dwar isem il-missier, ghandhom jibqghu jidhru l-kliem *"unknown father"* u mhux il-konnotati tar-ragel li, b'att pubbliku u skond il-ligi, irrikonoxxa lill-minuri, u dan ghax, skond hi, dak li <u>issa</u> qed jidher f'dana l-estratt qed

jidher minhabba li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku agixxa abbusivament. Kif tajjeb, pero`, osservat l-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza taghha, galadarba l-missier irrikonoxxa b'att pubbliku (Art. 289(1)) lit-tarbija isegwi li (1) hija sufficjenti t-talba ta' l-istess missier maghmula lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex issir l-annotazzjoni fil-margini tal-Att tat-Twelid tat-tarbija li tkun qed tigi rikonoxxuta u (2) li l-estratt li jinhareg ghandu jirrifletti din l-annotazzjoni in virtu` ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 251(2) tal-imsemmi Kodici Civili. Anqas ma hemm xi inkompatibilita` bejn l-Artikolu 289(1) imsemmi u l-Artikolu 279 kif dan ta' l-ahhar kien fid-data li fiha giet presentata c-citazzjoni u sa ma nghataw is-sentenzi appellati. Huwa veru li llum, in vista ta' l-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 279 jaghmel referenza ghall-Artikolu 86 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi: *Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta`, ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skond il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti ta' l-istat civili relattivi: Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta` ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti ta' l-istat civili relattivi*. Din id-disposizzjoni evidentement dahlet biex ma jkunx hemm sorprizi ghall-partijiet involuti (kif kienet il-ligi qabel din l-emenda seta facilment jigri li persuna tirrikonoxxi bhala binha tifel

illegittimu u dan u/jew l-omm isiru jafu b'tali rikonoxximent snin wara meta jkun difficli hafna, jekk mhux addirittura impossibbli li jimpunja tali rikonoxximent), kif ukoll biex dak li jkun ikollu l-possibilita` jivverifika jekk tali rikonoxximent ikunx wiehed genwin jew hux intiz semplicement biex jiddisturba l-hajja familjari li tkun ilha li nbniet minghajr il-presenza tal-missier naturali. Dawn il-konsiderazzjonijiet – cioe` l-konsiderazzjonijiet marbuta ma' din l-emenda – jista' jkollhom relevanza fil-kuntest tal-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fondamentali, izda certament ma jistax jinghad li ghax il-ligi nbidlet wara, dak li kien ghamel id-Direttur tar-Registru Pubbliku <u>konformement mal-ligi kif kienet dak iz-zmien</u>, kien b'xi mod abuziv. Ghalhekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jitqies li agixxa abbusivament – huwa, invece, <u>mexa perfettament mal-ligi</u>, ligi li hija (kienet u ghadha) intiza sabiex tirrifletti l-istat ta' fatt dwar l-istat ta' persuna, inkluz il-fatt ta' jekk dik il-persuna, imwielda barra miz-zwieg, tkunx gietx rikonoxxuta mill-missier. L-Artikolu 253(1) tal-Kap. 16, li tant qed tistrieh fuqu l-appellanti, huwa semplicement intiz sabiex isiru tibdiliet – korrezzjonijiet jew addirittura kancellamenti – fejn ikun jirrizulta, wara pronunzjament ta' Qorti kompetenti, li jkun sar zball (salv dejjem dawk l-izbalji li jistghu jigu korretti anke minghajr l-intervent tal-awtorita` gudizzjarja – Artikolu 258), u b'ebda mod dana l-artikolu ma jikkwalifika l-Artikolu 289(1). Konsegwentement l-appell, in kwantu jirreferi ghall-ewwel sentenza appellata, qed jigi respint.

**10.** Kwantu ghat-tieni aspett u t-tieni sentenza appellata, din il-Qorti tikkondividi pjenament (apparti osservazzjoni zghira dwar il-kwistjoni ta' rimedju xieraq li kien jezisti – *vide infra*) il-hsieb u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Jizdied jinghad li ma jistax jigi kontestat serjament id-dritt tal-missier naturali li jaghraf lil ibnu, u anqas ma wiehed jista' jghid li ghax tali rikonoxximent jigi (jew ahjar, kien jigi) registrat <u>awtomatikament</u>, dan necessarjament ifisser li jkun hemm lezjoni tad-dritt protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jew li d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili kif allura kienu (cioe` qabel l-emenda introdotta fl-Artikolu 86) kienu jilledu dan id-dritt. Tali lezjoni, pero`, setghet avverat

ruhha kieku, per ezempju, gie ppruvat li tali rikonoxximent kien wiehed mhux genwin, intiz unikament biex persuna li ma hix il-missier naturali tintrometti ruhha (abusivament) f'"familja" ossia f'nukleju familjari. L-appellanti, pero`, ma gabet ebda prova ta' xi haga fattwalment f'dan is-sens – quddiem l-ewwel Qorti, infatti, anqas biss instemghu provi ghax il-partijiet qablu li l-kwistjoni kienet wahda purament legali (ara l-verbal tal-4 ta' April 2000, fol. 21). Fi kliem iehor, fil-kaz konkret seta' kien hemm tali lezjoni, pero` provi f'dan ir-rigward ma ingabux. Ghalhekk, kull allegazzjoni fir-rikors ta' appell li Charles Sammut ma hux il-missier naturali jew li ma hemmx "rabta familjari" bejnu u bejn ibnu Nigel, hija allegazzjoni gratuwita u *quod gratis assertur gratis negatur*. Apparti dan, l-appellanti dejjem kellha d-dritt li timpunja l-att li bih Sammut irikkonoxxa lill-minuri bhala ibnu. Skond l-Artikolu 99 tal-Kodici Civili *"L-att li bih jigi maghruf tifel* [imnissel u mwieled barra miz-zwieg – kliem mizjuda bl-Artikolu 18 tal-Att XVIII tal-2004[10]] *jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess."* Dan l-Artikolu kien jipprotegi adegwatament lill-appellanti u lil binha mill-possibilita` ta' xi abbuz da parti ta' min jiddikjara, bhalma ghamel Sammut, li huwa kien il-missier naturali tat-tifel. Naturalment, tali impunjazzjoni kellha ssir fil-konfront ta' l-imsemmi Sammut – haga li forsi l-attrici appellanti, ghal ragunijiet li tafhom hi, ma riditx taghmel. Apparti, ghalhekk, konsiderazzjonijiet ohra, l-appellanti (kuntrarjament ghal dak li donnha rriteniet l-ewwel Qorti fit-tieni sentenza taghha) kellha mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat, u l-kwistjoni messha waqfet hemm. Pero` fi kwalunkwe kaz qed jigi ribadit li l-posizzjoni legali kif kienet qabel l-emenda introdotta fl-Artikolu 86 imsemmi, ma kienitx tilledi d-dritt tal-attrici proprio et nomine kif protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichal l-appell u tikkonferma z-zewg sentenzi appellati, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

[10] Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-kliem mizjuda huma superfluwi ghax kien evidenti li l-Artikolu 99 qed jirreferi ghal tifel illegittimu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------